Kunsill
tal-Unjoni Ewropea

Brussell, 18 ta' April 2016
(OR. en)

7829/16
ADD 1

**Fajl Interistituzzjonali:**
**2011/0023 (COD)**

CODEC 422
GENVAL 47
AVIATION 63
DATAPROTECT 29
ENFOPOL 104

**NOTA PUNT "I/A"**

| | |
|---|---|
| minn: | Segretarjat Ġenerali tal-Kunsill |
| lil: | Kumitat tar-Rappreżentanti Permanenti/Kunsill |
| Suġġett: | Proposta għal Direttiva Tal-Parlament Ewropew u tal-Kunsill dwar l-użu tad-data fir-Reġistru tal-Ismijiet tal-Passiġġieri għall-prevenzjoni, l-iskoperta, l-investigazzjoni u l-prosekuzzjoni ta' reati terroristiċi u delitti serji **(l-ewwel qari)**<br>- Adozzjoni tal-att leġislattiv **(AL + D)**<br>= Dikjarazzjoni |

**Dikjarazzjoni mill-Kunsill**

L-Artikolu 2 tad-Direttiva dwar il-PNR jippermetti lill-Istati Membri li jixtiequ dan li japplikawh għal titjiriet ġewwa l-UE, fuq bażi volontarja, wara li javżaw lill-Kummissjoni b'dan.

Meta wieħed iqis is-sitwazzjoni ta' sigurtà li hemm bħalissa fl-Ewropa, l-Istati Membri jiddikjaraw li sad-data ta' traspożizzjoni prevista fl-Artikolu 18 ser jagħmlu użu sħiħ mill-possibilità prevista fl-Artikolu 2 skont il-kundizzjonijiet stabbiliti mid-Direttiva.

L-Istati Membri jiddikjaraw li, kif mixtieq mill-Parlament, huma jobbligaw ruħhom[1] li jestendu, fil-liġi domestika tagħhom, il-ġbir ta' data tal-PNR għat-trasportaturi mhux bl-ajru, bħal aġenziji tal-ivvjaġġar u operaturi turistiċi li jipprovdu servizzi marbuta mal-ivvjaġġar fosthom ir-riżervazzjoni ta' titjiriet li għalihom jiġbru u jipproċessaw data tal-PNR.

[1] Soġġett, f'xi Stati Membri, għal proċedimenti parlamentari.